

Brussell, 19 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9843/26
ADD 1

LIMITE

CORLX 539
CFSP/PESC 798
COTER 80
CONOP 30
CONUN 97
COARM 102

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari (ICSANT) - Anness

DOKUMENT TA' PROĠETT

Appoġġ tal-Unjoni għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari

Kuntest

Fl-2005, l-adozzjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari (ICSANT) mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti kienet stadju importanti sinifikanti fit-tiżi tal-qafas legali internazzjonali għas-sigurtà nukleari. Il-Konvenzjoni għandha 127 Stat parti sa Marzu 2026.

L-ICSANT hija waħda mid-19-il strument legali internazzjonali kontra t-terroriżmu. Hija essenzjali għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali għall-prevenzjoni u l-għieda kontra mġiba terroristika jew imġiba kriminali oħra li tinvolvi materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor. Li stat isir parti huwa biss l-ewwel pass meħtieġ u l-implimentazzjoni effettiva (leġiżlattiva u teknika) hija wkoll kruċjali. L-ICSANT tirrikjedi l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni nazzjonali li tiżgura li l-obbligi kollha stabbiliti fil-Konvenzjoni jiġu trasposti b'mod adegwat. Dan jipprovdi kopertura legali għal kriminalità li tinvolvi materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor, inkluż atti terroristiċi, kif ukoll mekkaniżmi għall-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' tali mġiba u għar-rispons għaliha. Il-Konvenzjoni hija strumentali fit-tisħiħ tal-arkitettura tas-sigurtà nukleari internazzjonali, u l-għan li tintlaħaq aderenza universali jinvolvi sforzi kontinwi sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda rifuġju sikur għall-allegati awturi.

F'dan il-kuntest, l-ewwel u t-tieni proġett li jappoġġaw l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-ICSANT (minn Jannar 2019 sa Ġunju 2023 u minn Lulju 2023 sa Ġunju 2026, rispettivament), jirrappreżentaw sħubija multilaterali importanti fil-qasam tas-sigurtà bejn l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti li sservi biex tindirizza t-theddida tat-terroriżmu nukleari u mġiba kriminali oħra li tinvolvi materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor.

Il-prevenzjoni, id-detezzjoni u t-trażżin ta' mġiba kriminali minn atturi mhux Statali li tinvolvi materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor jeħtieġu qafas legali nazzjonali robust, li għalih l-ICSANT hija bażi ewlenija. L-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tagħha jibqgħu prijorità għolja għall-komunità internazzjonali.

Raġunament tal-proġett

Għoxrin sena wara l-adozzjoni tagħha, l-ICSANT tibqa' rilevanti ħafna mhux biss għall-Istati li għandhom materjal nukleari jew li jħaddmu programmi tal-enerġija nukleari, iżda wkoll għall-pajjiżi l-oħra kollha, peress li l-Konvenzjoni tkopri firxa wiesgħa ta' materjali radjuattivi użati b'mod komuni fil-mediċina, l-industrija, l-agrikoltura u r-riċerka. Dan l-ambitu wiesa' jenfasizza li l-ebda Stat ma huwa eżentat mir-riskji assoċjati mal-użu ħażin potenzjali ta' tali materjali. Għal din ir-raġuni, huwa essenzjali li titkompla l-promozzjoni tal-universalizzazzjoni tal-ICSANT u l-appoġġ għaliha, u li ssir enfasi qawwija fuq l-implimentazzjoni effettiva tagħha. Li jintwerew il-benefiċċji konkreti kemm tas-sħubija fil-Konvenzjoni kif ukoll tal-implimentazzjoni effettiva tagħha jibqa' kruċjali għat-tisħiħ tas-sigurtà nukleari dinjija. F'dan il-kuntest, l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti ser jerġgħu jkunu sħab fi proġett ġdid dwar *Appoġġ għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Trażżin ta' Atti ta' Terroriżmu Nukleari*, li jkompli jsaħħaħ l-isforzi kollettivi biex jiġi indirizzat it-theddid persistenti u li qed jevolvi li jinvolvi materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor.

Għan tal-Proġett

Il-proġett ser jappoġġa l-universalizzazzjoni u implimentazzjoni akbar u aktar effettiva tal-ICSANT, permezz ta' oqfsa legali nazzjonali aktar b'saħħithom u koerenti u t-tisħiħ robust tal-kapaċitajiet.

Tul ta' Żmien tal-Proġett

1 ta' Lulju 2026 – 30 ta' Ġunju 2029 (36 xahar)

Kamp ta' Applikazzjoni Ġeografiku tal-Proġett

Dinji, reġjonali, nazzjonali

Approċċ tal-Proġett

Dan il-proġett ser jiġi implimentat mill-Ferġha tal-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (TPB) tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC), permezz tal-Programm għall-Prevenzjoni tat-Terroriżmu CBRN tiegħu, u mill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (UNOCT), permezz tal-Programm Globali dwar il-Ġlieda Kontra l-Użu Terroristiku tal-Armi taċ-Ċentru tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (UNCCT), u b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-uffiċċji rilevanti fuq il-post kif ukoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u mhux governattivi, kif adatt. Dan jinkludi, fost oħrajn, id-Delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, l-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea dwar iċ-Ċentri ta' Eċċellenza għall-Mitigazzjoni tar-Riskji CBRN (EU CBRN CoE), l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA), l-Istitut Interreġjonali ta' Riċerka tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità u l-Ġustizzja (UNICRI), l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA), il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-risoluzzjoni 1540 (2004) u l-Grupp ta' Esperti tiegħu.

Il-proġett ser jinqasam f'żewġ komponenti, li kull wieħed minnhom għandu jiġi implimentat mill-UNODC u mill-UNOCT/UNCCT, rispettivament, f'konformità mal-mandati u l-għarfien espert tagħhom. Dan ser jirriżulta f'xi outputs u attivitajiet li qed jiġu implimentati mill-UNODC, filwaqt li oħrajn ser jiġu implimentati mill-UNOCT/UNCCT. F'xi każijiet, iż-żewġ entitajiet ser ikunu involuti.

Il-proġett ser jibni fuq l-attivitajiet imwettqa u l-għodod żviluppatti skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1939 tal-10 ta' Diċembru 2018 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1187 tad-19 ta' Ġunju 2023. Dan ser jitwettaq f'konformità mal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva, l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża, ir-risoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Istrateġija Globali tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Terroriżmu (A/RES/60/288) u risoluzzjonijiet oħra tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (eż. A/RES/78/226). Normi u standards internazzjonali eżistenti tad-drittijiet tal-bniedem ser jiġu integrati fil-proġett.

Il-proġett ser jiġi implimentat b'mod sensittiv għall-ġeneru, b'perspettivi tal-ġeneru integrati fil-proġett kollu. Il-proġett ser jippromwovi l-perspettivi tal-ġeneru u jintegra d-dimensjoni tal-ġeneru fil-metodoloġija tiegħu u, sa fejn possibbli, jiżgura opportunitajiet indaqs għall-uffiċjali nisa u rġiel biex jipparteċipaw fl-avvenimenti kollha tal-proġett, filwaqt li jissottolinja l-benefiċċji tal-inklużjoni ta' uffiċjali pubbliċi nisa fl-istituzzjonijiet nazzjonali. Il-feedback kollu miġbur minn sħarriġ u testijiet ta' qabel u ta' wara workshop ser ikun diżaggregat skont il-ġeneru, biex jiġi żgurat li l-proġett ikun jista' jidentifika u jirrapporta dwar il-perspettiva ta' uffiċjali nisa. L-indikaturi tal-proġetti ser jiġbru u jirrapportaw data diżaggregata skont il-ġeneru.

Eżiti tal-Proġett

Eżitu 1: Għadd akbar ta' Stati li jikkunsidraw li jsiru parti għall-ICSANT jew li bdew il-proċess għal dan l-għan jew li jsiru parti għaliha u sensibilizzazzjoni u għarfien akbar dwar l-ICSANT, inkluż aspetti rilevanti tagħha relatati mad-drittijiet tal-bniedem, fost il-benefiċjarji (dawk li jfasslu l-politika nazzjonali u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, inkluż il-parlamentari) u fil-fora internazzjonali. Komplementarjetajiet ma' strumenti legali internazzjonali rilevanti oħra (CPPNM, A/CPPNM, ir-risoluzzjoni 1540 tal-KSNU) huma sfruttati kif adatt.

Eżitu 2: Leġiżlazzjoni nazzjonali mtejba u kapaċità mtejba tal-uffiċjali tal-ġustizzja kriminali u partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti oħra fil-pajjiżi benefiċjarji biex jinvestigaw, iħarrku u jiddeċiedu każijiet li fihom tkun tapplika l-ICSANT.

Eżitu 3: Politiki, prattiki u proċeduri msaħħa għall-prevenzjoni u d-detezzjoni tad-theddida, u r-rispons għaliha, ta' atturi mhux Statali, inkluż terroristi, li jakkwistaw, għandhom u/jew jużaw materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor u għarfien u fehim imtejba tat-theddida tat-terroriżmu radjoloġiku u nukleari u mgħiba kriminali oħra li tinvolvi tali materjal.

Eżitu 4: Kooperazzjoni nazzjonali u internazzjonali msaħħa, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni, fi ħdan u fost l-Istati parti fit-tfassil u l-adozzjoni ta' miżuri effettivi u prattiċi għall-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni.

Outputs u Attivitajiet tal-Proġett

Eżitu 1: Għadd akbar ta' Stati li jikkunsidraw li jsiru parti għall-ICSANT jew li bdew il-proċess għal dan l-għan jew li jsiru parti għaliha u sensibilizzazzjoni u għarfien akbar dwar l-ICSANT, inkluż aspetti rilevanti tagħha relatati mad-drittijiet tal-bniedem, fost il-benefiċjarji (dawk li jfasslu l-politika nazzjonali u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, inkluż il-parlamentari) u fil-fora internazzjonali. Komplementarjetajiet ma' strumenti legali internazzjonali rilevanti oħra (CPPNM, A/CPPNM, ir-riżoluzzjoni 1540 tal-KSNU) huma sfruttati kif adatt.

Output 1.1: Tiġi promossa l-importanza tal-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-ICSANT, permezz tal-viżibbiltà u s-sensibilizzazzjoni

Attività 1.1.1: Avveniment ta' livell għoli għall-20 anniversarju tal-ICSANT

L-UNODC ser jorganizza u jwettaq avveniment ta' livell għoli li għandu jiġi ospitat b'mod konġunt mal-UE u l-Kanada fi Vjenna biex jitfakkar l-20 anniversarju tad-dħul fis-seħħ tal-ICSANT fl-2027 li ser 1) iservi bħala l-laqgħa *de facto* tal-Istati parti u jkun forum indispensabbli biex jiġu diskussi l-implimentazzjoni dinjija u nazzjonali, inkluż l-isfidi u l-progress s'issa, u l-kooperazzjoni internazzjonali fl-ambitu tal-Konvenzjoni, kif ukoll il-kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fl-ambitu tal-ICSANT u l-perspettivi tal-ġeneru; 2) ihegġegħ lill-Istati li għadhom mhumieq parti biex jikkunsidraw l-aderenza; 3) ifassal it-triq 'il quddiem lejn l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-ICSANT.

Attività 1.1.2: Viżibbiltà, sensibilizzazzjoni u kontribut għal avvenimenti relatati mal-ICSANT ospitati minn organizzazzjonijiet oħra (UNODC/UNOCT)

Fil-mandati rispettivi tagħhom u kif adatt, l-UNODC u l-UNOCT/UNCCT ser jikkontribwixxu l-għarfien espert tagħhom u jippromwovu l-ICSANT, flimkien mal-attivitajiet implimentati taħt dan il-proġett, f'fora internazzjonali rilevanti, inkluż avvenimenti relatati ma' jew organizzati minn:

- oqfsa legali internazzjonali, inkluż, iżda mhux limitati għall-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Fiżika tal-Materjal Nukleari u l-Emenda għaliha, ir-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, it-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari;
- organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż, iżda mhux limitati għall-IAEA, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (INTERPOL), l-UNICRI, l-Istitut tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riċerka dwar id-Diżarm (UNIDIR), l-UNODA, l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet Legali (OLA);
- is-soċjetà ċivili, inkluż organizzazzjonijiet mhux governattivi;
- inizjattivi internazzjonali li jinkludu, iżda mhux limitati għal, is-CBRN CoE tal-UE, is-Sħubija Globali Kontra l-Firxa ta' Armi u Materjal ta' Qerda Massiva, l-Inizjattiva ta' Theddid Nukleari u l-Patt ta' Koordinazzjoni Globali tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Terroriżmu.

Output 1.2: L-aderenza mal-ICSANT u s-sinerġiji u l-komplementarjetajiet ma' strumenti legali internazzjonali rilevanti oħra huma promossi u miżjuda

Attività 1.2.1: Memoranda tal-Kabinett (UNODC)

Abbażi tal-esperjenza estensiva tal-UNODC fit-tnejn ta' memoranda tal-kabinett li wasslu għall-aderenza mal-ICSANT jew li qed javvanzaw l-aderenza magħha, l-UNODC ser iħejji mudell ta' memorandum tal-kabinett għall-Istati li jikkunsidraw l-aderenza mal-ICSANT bħala referenza. Dan ser jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-UNODC. L-UNODC ser jassisti aktar lill-Istati rikjedenti b'abbozzi ta' memoranda tal-kabinett imfassla apposta. Dawn il-memoranda huma dokumenti dettaljati li jindirizzaw is-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-pajjiżi sabiex jappoġġaw lill-ministeri rilevanti u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra li jippromwovu l-aderenza mal-ICSANT ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet.

Eżitu 2: Leġiżlazzjoni nazzjonali mtejbja u kapaċità mtejbja tal-uffiċjali tal-ġustizzja kriminali u partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti oħra fil-pajjiżi benefiċjarji biex jinvestigaw, iħarrku u jiddeċiedu każijiet li fihom tkun tapplika l-ICSANT.

Output 2.1: Tingħata assistenza leġiżlattiva lill-Istati rikjedenti

Attività 2.1.1: Assistenza leġiżlattiva rilevanti biex tagħti effett lid-dispożizzjonijiet tal-ICSANT u tippermetti l-applikazzjoni tal-liġi minn uffiċjali tal-ewwel linja, l-infurzar tal-liġi, il-prosekuturi, il-ġudikatura u kwalunkwe parti kkonċernata rilevanti oħra (UNODC)

L-UNODC ser jipprovdi assistenza leġiżlattiva rilevanti lill-Istati rikjedenti (li huma parti jew li għadhom mhumiex parti għall-ICSANT) permezz ta' eżamijiet dokumentarji u workshops nazzjonali online dwar l-abbozzar, fuq talba u kif adatt, filwaqt li jibni fuq il-mudell konġunt tal-UNODC-IAEA ta' dispożizzjonijiet ta' kriminalizzazzjoni kontra t-terroriżmu nukleari, il-Manwal tal-UNODC dwar l-Assistenza Legali Reċiproka u l-Estradizzjoni u l-Għodda għall-Kitba ta' Talba għal Assistenza Legali Reċiproka tal-UNODC, prattiki tajbin identifikati permezz tal-kompilazzjoni mill-UNODC tal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni nazzjonali tal-Artikolu 2 tal-ICSANT, kif ukoll għodod żviluppati mill-UNODC skont Deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill u proġetti komplementari oħra.

Output 2.2: Tisħiħ tal-kapaċità tas-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja kriminali biex jipprevjenu, jiddetettaw, irażżnu, jinvestigaw, iħarrku u jaġġudikaw reati relatati mal-ICSANT

Attività 2.2.1: Seminars nazzjonali għal ċentri tal-edukazzjoni u t-taħriġ ġudizzjarji (UNODC)

L-UNODC ser jorganizza ħames (5) seminars nazzjonali fi Stati diġà parti għall-ICSANT għall-uffiċjali tal-ġustizzja kriminali f'ċentri ta' edukazzjoni ġudizzjarja jew ta' taħriġ rilevanti oħrajn sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jimplimentaw l-ICSANT u jżidu s-sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-Konvenzjoni. Is-seminars, fost oħrajn, ser jiddependu fuq il-manwal dwar każijiet fittizji fl-ambitu tal-ICSANT u materjali oħra żviluppati mill-UNODC skont Deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill, u ser japplikaw metodoloġija ta' ħarreġ lil min iħarreġ sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà. Jekk it-twassil online ta' kwalunkwe wieħed mis-seminars jitqies aktar effettiv fi kwalunkwe pajjiż, l-għadd ta' seminars nazzjonali jista' jiżdied, soġġett għad-disponibbiltà tar-riżorsi.

Output 2.3: Is-sit web tal-ICSANT tal-UNODC jiġi mantnut, aġġornat regolarment, imsaħħaħ u żviluppat aktar

Attività 2.3.1: Sit web tal-ICSANT (UNODC)

L-UNODC ser imantni, jaġġorna regolarment, itejjeb u jiżviluppa aktar is-sit web fil-lingwi uffiċjali kollha tan-NU. Il-paġna tal-ICSANT fuq is-sit web tal-UNODC (unodc.org/icsant) sar il-punt ta' referenza għall-prattikanti fid-dinja kollha peress li fih ir-riżorsi kollha disponibbli dwar il-Konvenzjoni, inkluż l-istorja proċedurali tagħha, l-istatus tal-aderenza, artikli analitiċi, ġabra ta' leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni nazzjonali, għodod għat-tisħiħ tal-kapaċità (inkluż moduli ta' taġlim elettroniku) u informazzjoni dwar assistenza teknika u leġiżlattiva relatata tal-UNODC. Sa mit-tnedija tiegħu f'Settembru 2021, is-sit web irċieva aktar minn 118,000 żjara. Jospita wkoll il-bażi tad-data tal-awtoritajiet maħtura tal-ICSANT skont l-Artikolu 7(4). Barra minn hekk, is-sit web ser jospita bażijiet ta' data ġodda li ser jiġu żviluppati skont il-funzjonijiet il-ġodda relatati mas-Segretarjat tal-ICSANT taħt il-kompetenza tal-UNODC.

Eżitu 3: Politiki, Prattiki u proċeduri msaħħa għall-prevenzjoni u d-detezzjoni tad-theddida, u r-rispons għaliha, ta' atturi mhux Statali, inkluż terroristi, li jakkwistaw, għandhom u/jew jużaw materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor u għarfien u fehim imtejba tat-theddida tat-terroriżmu radjoloġiku u nukleari u mġiba kriminali oħra li tinvolvi tali materjal.

Output 3.1: Tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati parti li jipprevjenu, jiddetettaw, u jirrispondu għall-akkwist, il-pussess u/jew l-użu ta' materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor

Attività 3.1.1: Workshops reġjonali u eżerċizzji ta' simulazzjoni biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Istati parti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu nukleari (UNOCT)

Filwaqt li jibnu fuq l-għarfien espert u t-tagħlimiet meħuda mill-10 workshops u eżerċizzji ta' simulazzjoni mogħtija mill-UNOCT/UNCCT, skont iż-żewġ Deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill, l-UNOCT/UNCCT ser ikompli jorganizzaw tliet workshops reġjonali u eżerċizzji ta' simulazzjoni biex isaħħu l-kollaborazzjoni transfruntiera u l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni għall-prevenzjoni, it-tħejjija, l-interdizzjoni, u r-rispons għat-terroriżmu radjoloġiku u nukleari. Eżerċizzji bbażati fuq każijiet/xenarji reali ser jinvolvu timijiet b'diversi pajjiżi (pereżempju, is-settur tal-intelligence, tad-dwana, dak regolatorju, dak ġudizzjarju, tas-saħħa, ta' politika, eċċ.) u ser itejbu l-kapaċità tagħhom f'oqsma bħad-detezzjoni, il-forensika, ir-rispons, u l-mitigazzjoni tat-terroriżmu radjoloġiku u nukleari u ser jassistu lill-awtoritajiet nazzjonali fl-implimentazzjoni effettiva tal-ICSANT u jsaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali, filwaqt li juru l-importanza li stat ikun parti għall-Konvenzjoni. Huma ser jiffukaw ukoll fuq il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-assistenza legali reċiproka, li juru l-valur operazzjonali tal-ICSANT. Bħal fiż-żewġ Deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill, l-UNOCT/UNCCT ser ikompli jwettqu l-workshops u l-eżerċizzji ta' simulazzjoni f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti inkluż, l-IAEA, l-INTERPOL, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza CBRN tal-UE, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-UE, l-UNICRI u d-WCO. Il-workshops reġjonali u l-eżerċizzji ta' simulazzjoni ser jibnu l-kapaċità f'oqsma rilevanti identifikati mill-Istati parti, inkluż, iżda mhux ristretti għal:

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu radjoloġiku u nukleari b'enfasi fuq id-detezzjoni biex tiġi żviluppata l-kapaċità fil-qasam tad-detezzjoni, b'enfasi fuq l-identifikazzjoni u l-applikazzjoni ta' Prattiki tajba għad-detezzjoni ta' materjal radjoloġiku/nukleari b'informazzjoni u strumenti li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċità fil-ġlieda kontra t-terroriżmu radjoloġiku u nukleari fir-rigward tal-ġestjoni tas-sigurtà tal-fruntieri.

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu radjoloġiku u nukleari b'enfasi fuq il-forensika biex tissaħħaħ il-kapaċità fil-qasam tal-forensika għad-detezzjoni, b'mod partikolari biex tintwera l-importanza tal-forensika nukleari, il-koordinazzjoni bejn l-aġenziji, u b'hekk tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-ġlieda kontra t-terroriżmu radjoloġiku u nukleari.

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu radjoloġiku u nukleari b'enfasi fuq ir-rispons u l-mitigazzjoni biex tissaħħaħ il-kapaċità fil-qasam tar-rispons u l-mitigazzjoni, b'attenzjoni partikolari fuq il-kapaċità li jingħata rispons effettiv, f'waqtu, u koordinat għal inċidenti terroristiċi li jinvolvu materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor bħala element essenzjali ta' qafas ta' sigurtà nukleari.

Attività 3.1.2: Eżerċizzji ta' simulazzjoni biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Istati parti għall-ICSANT fil-ġlieda kontra t-terroriżmu nukleari (UNODC)

L-UNODC ser iwettaq żewġ eżerċizzji ta' simulazzjoni għall-Istati parti għall-ICSANT biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-aspetti operazzjonali tal-Konvenzjoni. L-UNODC ikkontribwixxa sostanzjalment għal sitt eżerċizzji ta' simulazzjoni mwettqa taħt iż-żewġ Deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet bħala koorganizzatur flimkien mal-UNOCT u sħab oħra (pereżempju, l-Italja, il-Mongolja, it-Taġikistan u l-Istati Uniti tal-Amerka). Barra minn hekk, l-UNODC għandu rekord twil ta' twettiq ta' eżerċizzji oħra ta' simulazzjoni u tipi ta' assistenza teknika u operazzjonali għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet lill-partijiet ikkonċernati rilevanti (inkluż l-infurzar tal-liġi, id-dwana, l-uffiċjali tal-ewwel linja...) dwar id-detezzjoni u l-interdizzjoni ta' kriminalità li tinvolvi materjal nukleari jew materjal radjuattiv ieħor, u r-rispons għaliha, li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ICSANT. Din l-assistenza ġiet ipprovduta b'mod konġunt mal-esperti tal-Fergħa tal-Ġestjoni tal-Fruntieri tal-UNODC, ta' spiss b'kooperazzjoni mal-IAEA, l-INTERPOL, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza CBRN tal-UE, u esperti internazzjonali oħra, inkluż esperti tal-UE. L-UNODC ser iwettaq l-eżerċizzji proposti ta' simulazzjoni ma' dawn is-sħab u oħrajn addizzjonali, kif adatt.

Output 3.2. Titjib fl-għarfien u l-fehim tal-Istati parti tat-theddid tat-terroriżmu radjoloġiku u nukleari

Attività 3.2.1: Taħriġ wiċċ imb'wiċċ nazzjonali dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu radjoloġiku u nukleari (UNOCT)

L-UNOCT/UNCCT ser jorganizzaw taħriġ nazzjonali mmirat wieħed għal Stat parti biex itejjeb l-effettività operazzjonali tal-ICSANT billi juri applikazzjonijiet prattiċi tal-Konvenzjoni, permezz ta' studji tal-każijiet u eżerċizzji prattiċi, lill-partijiet ikkonċernati rilevanti inkluż, fost oħrajn, id-dwana, il-gwardji tal-fruntiera, l-imħallfin, il-prosekuturi, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-korpi regolatorji, il-Ministeru għad-Difiża, il-Ministeru għall-Affarjiet Barranin, il-Ministeru għas-Saħħa, il-Ministeru għall-Industrija, il-Ministeru għall-Ġustizzja, u s-servizzi tal-Intelligence. It-taħriġ ser itejjeb il-kapaċitajiet tal-Istati parti biex japplikaw l-ICSANT billi jifhmu wkoll ir-riskju u t-theddida, itejbu l-preparatezza, il-prevenzjoni, l-interdizzjoni, u l-kapaċitajiet ta' rispons, jiżviluppaw kontromiżuri, jipprattikaw ir-rispons għall-inċidenti u jsaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali f'każ ta' inċident radjoloġiku jew nukleari L-UNOCT/UNCCT ser jibbenefikaw mill-esperjenza estensiva tal-portafoll ta' taħriġ tiegħu b'aktar minn 1,700 uffiċjal imħarreġ.

L-UNOCT/UNCCT ser jaħdmu mal-Istati parti interessati biex jidentifikaw it-taħriġ adatt kontra t-terroriżmu, skont il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet tiegħu, inkluż fl-oqsma li ġejjin:

Taħriġ nazzjonali - Kors Bażiku dwar it-Theddid Radjoloġiku u Nukleari li jippermetti lill-persunal jirrispondi b'mod effettiv f'xena radjoloġika u nukleari, filwaqt li jipprovdi rakkomandazzjonijiet biex daww li jirrispondu jkunu jistgħu jaħdmu f'ambjent li fih aġenti radjoloġiċi u nukleari potenzjalment perikolużi.

Taħriġ nazzjonali - Kors Intermedju dwar it-Theddid Radjoloġiku u Nukleari li jintegra suġġetti rilevanti relatati mat-theddid radjoloġiku u nukleari. Dan ser jinkludi dimostrazzjonijiet u eżerċizzji prattiċi, u ser jilħaq il-qofol tiegħu f'xenarji realistiċi li jinvolvu d-detezzjoni u l-interdizzjoni tat-traffikar radjoloġiku, l-identifikazzjoni ta' materjal radjoloġiku jew nukleari f'post ta' delitt, u r-rikonoxximent ta' perikli u evidenza radjoloġiċi u nukleari.

Taħriġ nazzjonali - Kors Avvanzat dwar it-Theddid Radjoloġiku u Nukleari li jkopri theddid radjoloġiku u nukleari f'aktar dettall b'enfasi partikolari fuq apparat ta' tixrid radjoloġiku u apparat nukleari improvviżat.

Taħriġ nazzjonali - Kors dwar Kontromiżuri Radjoloġiċi u Nukleari li jippreżenta l-approċċ b'diversi aġenziji li jiffoka fuq l-iżvilupp ta' kontromiżuri għal theddid radjoloġiku u nukleari, u fuq ir-rispons konġunt għal inċidenti radjoloġiċi u nukleari, minn aġenziji nazzjonali ewlenin, inkluż l-infurzar tal-liġi, id-dwana, l-aġenziji tas-sigurtà, persuni tal-ewwel rispons, l-intelligence, is-saħħa pubblika, l-awtoritajiet regolatorji, l-industrija, eċċ.

Taħriġ nazzjonali - Kors dwar il-Protezzjoni ta' Infrastruttura Kritika li jiffoka fuq setturi li jistgħu jiġu attakkati direttament bħal impjanti tal-enerġija nukleari, reatturi tar-riċerka nukleari, postijiet li fihom sorsi tar-radju, nodi tat-trasport, kif ukoll setturi li jistgħu jkunu fil-mira ta' atturi mhux Statali biex jinkisbu teknoloġiji sensittivi u kontrollati.

Eżitu 4: Kooperazzjoni nazzjonali u internazzjonali msaħħa, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni, fi ħdan u fost l-Istati parti fit-tfassil u l-adozzjoni ta' miżuri effettivi u prattiċi għall-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni.

Output 4.1: Skambju ffaċilitat ta' informazzjoni kif meħtieġ mill-ICSANT

Attività 4.1.1: Kampanja biex l-Istati parti għall-ICSANT jiġu mħeġġa jaħtru u jaġġornaw awtorità kompetenti u punt ta' kollegament skont l-artikolu 7(4) tal-Konvenzjoni (UNODC)

L-UNODC huwa responsabbli biex jirċievi u jxerred notifiki ta' ħatra ta' awtoritajiet li jsiru mill-Istati parti skont l-artikolu 7(4). In-notifiki riċevuti jittellgħu fuq is-sit web tal-UNODC dwar l-ICSANT.

L-UNODC ser ikompli l-kampanja tiegħu bl-għan li jħeġġeġ lill-Istati diġà parti għall-ICSANT biex jissodisfaw l-obbligu stabbilit fl-artikolu 7(4), li jirrikjedi li l-Istati parti jinfurmaw lin-Nazzjonijiet Uniti dwar l-awtoritajiet kompetenti u l-punti ta' kollegament tagħhom responsabbli biex jibagħtu u jirċievu informazzjoni relatata mal-ICSANT. Il-kampanja li saret matul it-tieni Deċizzjoni tal-Kunsill laħqet l-oġettiv tagħha b'suċċess; sal-11 ta' Mejju 2026, din wasslet għal 44 ħatra ġdida u 18-il aġġornament tal-ħatriet preċedenti. L-attivitajiet ser jinkludu li jintbagħtu ittri lill-Missjonijiet Permanenti rilevanti li jitolbuhom jikkonformaw mal-obbligu tagħhom skont l-artikolu 7(4); li jsiru laqgħat bilaterali; li jingħata segwitu għal aġġornamenti possibbli dwar ħatriet preċedenti; it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' titjib fir-rigward tat-twettiq tal-funzjonijiet imwettqa skont l-artikolu 7(4); u l-promozzjoni tal-artikolu 7(4) f'fora rilevanti.

Attività 4.1.2: It-tieni laqgħa tal-awtoritajiet kompetenti u punti ta' kollegament nazzjonali tal-ICSANT (UNODC)

L-UNODC ser jorganizza u jsejjaħ it-tieni laqgħa ta' dawn l-awtoritajiet kompetenti u punti ta' kollegament fi Vjenna, l-Awstrija, fit-tielet sena tal-proġett. Filwaqt li jibni fuq l-eżiti tal-ewwel laqgħa li saret fi Vjenna fl-2026, dan ser jinkludi, fost l-oħrajn, eżerċizzju ta' koordinazzjoni simulata u taħriġ dwar kif wieħed għandu jkun punt ta' kollegament 7(4) effettiv. Il-laqgħa ser tkun imfassla għall-punti ta' kollegament nazzjonali u partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti oħra.

Output 4.2: L-aħjar prattiki u tagħlimiet meħuda dwar is-sħubija mal-ICSANT u l-implimentazzjoni tagħha jintużaw minn udjenzi fil-mira fil-livell reġjonali biex iżidu l-implimentazzjoni effettiva tal-ICSANT u s-sigurtà nukleari

Attività 4.2.1: Workshops bejn il-pari fuq livell reġjonali u subreġjonali biex jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħuda dwar is-sħubija mal-ICSANT u l-implimentazzjoni tagħha (UNOCT)

L-UNOCT/UNCCT ser jorganizzaw tliet workshops bejn il-pari fuq livell reġjonali u subreġjonali online għal għadd żgħir ta' pajjiżi biex jikkondividu l-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħuda dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-ICSANT permezz ta' każijiet prattiċi, b'enfasi fuq oqfsa legali, operazzjonali u kooperattivi. L-eżiti tal-workshops ser jiġu riflessi f'dokument ta' eżitu, inkluż pjanijiet direzzjonali u rakkomandazzjonijiet biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni effettiva bil-ħsieb li jittejjbu l-politiki, il-prattiki u l-proċeduri f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ICSANT. L-avvenimenti ser jinkoraġġixxu l-identifikazzjoni ta' promoturi reġjonali u potenzjalment jinkludu osservaturi għal Stati li għadhom mhumieħ parti għall-Konvenzjoni.